# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 19/20/1 TA**

**Anna Spiteri**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**
**u**
**Joseph Vassallo għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell preżentat mill-attriċi appellanti limitatament dwar il-kap tal-ispejjeż. L-appellanta kienet ġiet akkużata bil-kommissjoni ta' diversi reati magħmula kontra Joseph Vassallo u nstabet ħatja tal-istess reati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 24 ta' Ottubru 2016. Quddiem dik il-Qorti kien xehed Joseph Vassallo, għalkemm ix-xhieda tiegħu ma kinitx ġiet traskritta, iżda l-appellanta kienet għażlet li ma tixhedx. L-appellanta

appellat mis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2016, u fis-seduta miżmuma mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru 2019 kien reġa' xehed Joseph Vassallo peress li x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx ġiet traskritta. L-appellanti talbet illi tinstema' tixhed hi wkoll iżda din it-talba kienet ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Novembru 2019 peress li l-appellanta kienet għazlet li ma tixhedx quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-appell tħalla għas-sentenza. Hija kienet għalhekk preżentat din il-kawża permezz ta' liema lmentat li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2019 kienet leżiva tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq garantit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. TIDDIKJARA li bil-fatt li hija ma tħallietx tixhed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali x'aktar ser jiġi miksur u/jew ġie miksur u/jew qed jiġi miksur id-dritt fundamentali tagħha għal smiegħ xieraq hekk kif maħsub fl-artikou 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni anke minħabba ukoll li ma kienx hemm parita ta' armi bejn il-partijiet li ssottomettew ruħhom quddiemha għal ġudizzju tagħha.
>
> 2. TORDNA, f'każ li tintlaqa l-ewwel talba tar-rikorrenti, u f'każ li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' t-talba tagħha għas-sospensjoni tal-għoti tas-sentenza tagħha nhar il-31 ta' Jannar, 2020, li r-rikorrenti titħalla tixhed.
>
> 3. TIDDIKJARA, f'każ li tintlaqa l-ewwel talba tar-rikorrenti, u f'każ li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tilqax it-talba tagħha għas-sospensjoni tal-għoti tas-sentenza tagħha nhar il-31 ta' Jannar, 2020, li l-eventwali sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija nulla u bla effett fil-konfront tar-rikorrenti u TAGĦTI dawk ir-rimedji effettivi kollha sabiex tqiegħed lir-rikorrenti fil-posizzjoni li hija tkun tista' tixhed quddiem dik l-istess Qorti.

Bl-ispejjez."

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* illi d-difiża m'għandhiex jedd assolut u mingħajr limitu li ttella x-xhieda li trid, li l-produzzjoni ta' xhieda ġodda fi stadju ta' appell mhijiex ammissibli ħlief fiċ-ċirkostanzi permessi mil-liġi u li din il-Qorti ma tistax tintuża sabiex tirrevedi jew tirrevoka digrieti u deċiżjonijiet li jkunu ngħataw minn Qrati oħra.

4. Joseph Vassallo eċċepixxa, *inter alia,* li l-attriċi għażlet minn jedda li ma tixhedx u ma tipproduċix provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk *imputet sibi* u m'għandhiex issa jkollha l-għażla li tixhed fi stadju ta' appell u li fi kwalunkwe każ l-ilment tal-attriċi huwa sorvolat peress li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ġiet dikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell u l-attriċi tat id-depożizzjoni tagħha fid-9 ta' Ottubru 2020, liema depożizzjoni kellha titkompla fil-25 ta' Novembru 2020.

5. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-16 ta' Lulju 2021 ġie deċiz hekk:

> "Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet stante li l-mertu ġie eżawrit kwantu għall-kap tal-ispejjes ta' dawn il-proċeduri billi tiddikjara li sa fejn jirrigwarda lill-intimat Vassallo dawn għandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti. Sa fejn jirrigwarda l-Intimat Avukat tal-Istat u r-rikorrenti dawn għandhom jibqgħu bla taxxa.."

6. L-attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma s-

sentenza appellata sa fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu u fejn ordnat li l-ispejjeż tagħha u tal-Avukat tal-Istat jibqgħu mingħajr taxxa, tibdilha u tħassarha fejn akkordat li l-ispejjeż ġudizzjarji ta' Joseph Vassallo għandhom jitħallsu minnha, bl-ispejjeż.

7. L-Avukat tal-Istat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-8 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema ssottometta li dan l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-appellanta.

8. Joseph Vassallo preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fil-15 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma fl-intier tagħha s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

9. Dan l-appell huwa limitat għall-kap tal-ispejjeż. L-appellanta ssostni li l-unika raġuni għalfejn kellhom isiru dawn il-proċeduri kien proprju għaliex Joseph Vassallo preżenta kwerela kontra tagħha u akkużaha b'reati fosthom ta' inġurja u theddid, filwaqt li kieku ma bdewx dawn il-proċeduri ma kien jinqala assolutament xejn. Tgħid li hija setgħat tixhed wara li ġiet preżentata l-kawża kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza tagħha. Targumenta li hija ma kellhiex tbati l-

ispejjeż għaliex Joseph Vassallo għazel li jressaq risposta għar-rikors promotur tagħha peress li f'kawżi kostituzzjonali l-parte ċivile mhijiex parti mill-kawża, la tista' titlef jew tirbaħ u lanqas tista' tiġi kkundannata tħallas spejjeż. Issostni li għaldaqstant jekk huwa għazel li jressaq risposta għandu jbati l-ispejjeż ta' din ir-risposta hu.

10. L-Avukat tal-Istat jargumenta li l-ewwel Qorti għamlet sew meta daħlet fil-kwistjoni u rat jekk l-appellanta kellhiex raġun fil-lanjanza kostituzzjonali li qajmet. Jgħid li l-lanjanza tal-appellanta ġiet riżolta fil-mori tal-proċeduri għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali annullat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u wara dan tat lill-appellanta l-opportunita` li tagħti x-xhieda tagħha f'dawk il-proċeduri.

11. Joseph Vassallo jirribatti li l-linja ta' argumentazzjoni tal-appellata li din il-kawża ġiet istitwita minħabba l-kwerela ppreżentata minnu mhijiex serja għaliex kulħadd għandu dritt jippreżenta kwerela jekk iħossu aggravat b'xi azzjoni ta' ħaddieħor. Jgħid li għalkemm l-ewwel Qorti esprimiet id-dispjaċir tagħha li ħadd mill-partijiet ma attira l-attenzjoni tagħha għall-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet ġiet annullata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-verita` huwa kien mill-ewwel għamel referenza għal din is-sentenza fir-risposta tiegħu. Isostni li l-Qorti kienet korretta meta ordna li l-attriċi tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri in vista tal-Artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostni li huwa

żbaljat l-argument tal-attriċi li huwa biss osservatur f'dawn il-proċeduri u li s-sentenza li fuqha tibbaża dan l-argument ma tikkorroborax l-argument tagħha iżda anzi fiha ġie meqjus li l-individwu konċernat għandu nteress ġuridiku u jeħtieġ li huwa jkun parteċipi tal-ġudizzju.

12. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "1. Mingħajr ma hemm ħtieġa għalfejn tidħol fid-dettal, fir-rikors tagħha fil-qosor tilmenta li fi stadju ta' appell minn Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta, il-Qorti tal-Appell ma laqgħetx it-talba tagħha biex tixhed quddiem dik il-Qorti bl-istess mod li xehed il-kwerelant. L-argument tagħha huwa fis-sens li ġaladarba x-xhieda isfel ma kinietx traskritta, l-opportunita` li jixhed kwerelant fi stadju ta' Appell, kellha titħalla tixhed hi ukoll bl-istess mod. L-argumenti li ressqet ir-rikorrenti huma loġiċi ħafna. Iżda wara li r-rikorrenti ċediet il-mertu kif fuq indikat, dak li trid teżamina din il-Qorti ma huwiex jekk huwiex fondat l-ilment fis-sustanza, iżda jekk ai fini ta' kap tal-ispejjes, fil-konfront tal-intimat Vassallo biss, għandhomx dawn ikunu sopportati unikament minn parti jew oħra.
>
> 2. Il-Qorti tosserva s-segwenti. Ir-rikors promotur ġie intavolat fis-27 ta' Jannar 2020, tlett ijiem biss qabel ma ingħatat is-Sentenza tal-Qorti talAppell Kriminali tal-31 ta' Jannar 2020. Huwa ovvju, li din kienet presentatat sabiex qabel ma dik il-Qorti tagħti Sentenza f'dik id-data, din il-Qorti tiddeċiedi il-punt minn ottika Kostituzzjonali l-fatt li ma tħallietx tixhed minn dik il-Qorti.
>
> 3. Dan tant huwa minnu, li r-rikorrenti jidher li mingħajr suċċess, talbet lill-Qorti tal-Appell Kriminali tissoprasjedi pendenti dawn il-proċeduri. Apparti li r-rikorrrenti ħalliet sa kważi lejliet meta kellha tingħata s-Sentenza, l-anqas ma talbet xi direttiva ad interim lil din il-Qorti tempestivament.
>
> 4. Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din is-sitwazzjoni, anke jekk dan ir-rikors tħalla fuq il-Kap tal-ispejjes biss kif ingħad. Il-Qorti tħoss li r-rimedju li qed titlob quddiem din il-Qorti ingħata, mhux bis-Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2021 (a' fol 48). Din is-Sentenza pprovdiet dwar ir-rejati jew kontravenzjonijiet li bihom kienet addebitata r-rikorrenti. La darba f'dawn il-proċeduri qed tilmenta li ma ingħatatx l-opportunita' li tixhed, kienet bis-Sentenza tal-31 ta' Jannar 2020 li ngħatat dak ir-rimedju, dik l-istess Sentenza li pprovat twaqqaf bit-talba għas-soprasessjoni pendenti.

5. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar 2020, annullat u ġabet fix-xejn l-ewwel Sentenza ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi li: "Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali".

6. Meta sentenza tkun hekk annullata fiċ-ċirkostanzi bħal dawk fuq imsemmija, fost l-effetti li ġġib magħha hu dak li tqiegħed lill-partijiet fi status quo ante. Dan ifisser ukoll li kull parti tista' tressaq kulll prova u anke tinstema'. Di fatti fis-Sentenza finali tal-25 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk: "Illi l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-appellanti tixhed quddiemha fejn matul id-depożizzjoni tagħha hi ppruvat tispjega lill-Qorti lisfond tal-kwistjonijiet li għandha mal-familja tagħha u dak li finalment wassal sabiex hi tibgħat dawk il-messaġġi."

7. Minn dan il-bran jemerġi b'mod ċar li r-rikorrenti xehdet f'dawk il-proċeduri. Għalhekk it-tir prinċipali tagħha intlaħaq pero' mhux b'konsegwenza ta' din is-Sentenza, iżda b'dik tal-31 ta' Jannar 2020 li minnha tnissel id-dritt tagħha li tkun tista' tixhed. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem għalfejn ir-rikorrenti ħalliet dan iż-żmien kollu jgħaddi biex presentat in-nota tat-28 ta' Ġunju 2021, ben sena u kważi u nofs wara li ġiet annullata l-ewwel Sentenza Kriminali. Kien ikollha raġun tkompli f'dawn il-proċeduri kieku ma kienx hemm l-ewwwel Sentenza, anke li kieku xorta ġiet illiberata bit-tieni Sentenza, għaliex il-prinċipju involut ma kienx is-sustanza tar-rejat, iżda l-fatt li ma tħallietx tixhed b'mod irraġjonevoli, kif tispjega fir-rikors promotur tagħha.

8. Il-Qorti ma ssib xejn pjaċevoli li ebda waħda mill-partijiet ma attiraw l-attenzjoni ta' din il-Qorti bis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2020 għaliex li kieku ma kienx ikun hemm dewmien żejjed u bla bżonn.

9. Għalhekk il-Qorti tħoss li fid-dawl ta' dan kollu l-ispejjes ta' dawn ilproċeduri fir-rigward tal-intimat Joseph Vassallo għandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti, mentri dawk tal-Avukat tal-Istat għandhom jibqgħu bla taxxa billi kull parti tissaporti l-ispejjeż tagħha."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

13. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa minnu dak li jsostni l-appellat Joseph Vassallo li huwa kien mill-ewwel għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li annullat is-sentenza tal-Qorti tal-

Maġistrati. Għalkemm l-ewwel Qorti tikkummetta dwar il-fatt li ħadd mill-partijiet ma nformaha b'din is-sentenza, jirriżulta li fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur tal-attriċi Vassallo kien mhux biss informa lill-Qorti li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet ġiet annullata iżda talli żied li l-attriċi kienet fil-fatt diġa` xehdet f'dawn il-proċeduri u li d-depożizzjoni tagħha kienet ser tkompli fid-differiment li kien imiss. Fil-fatt huwa kien eċċepixxa espressament li l-ilment tal-attriċi kien ġie riżolt b'din is-sentenza.

14. Fir-rigward tal-mertu ta' dan l-appell, huwa fieragħ l-argument tal-attriċi li l-appellat Vassallo għandu jbati l-ispejjeż tiegħu għaliex kienet il-kwerela preżentata minnu kontra tagħha li tat lok għan-neċessita` ta' dawn il-proċeduri. L-individwu privat ma jistax jiġi b'xi mod ippenalizzat, inkluż billi jiġi mġiegħel iħallas l-ispejjeż għal proċeduri bħal dawn, għaliex ikun għamel użu minn dritt mogħti lilu mil-liġi u fil-qies li tagħtih il-liġi. Il-fatt li l-appellanta ġiet liberata mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma jfissirx neċessarjament li l-appellat Vassallo abbuża mill-jedd mogħti lilu mil-liġi meta preżenta kwerela kontra l-attriċi, u jekk kien hemm xi rregolarita` proċedurali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati żgur li ma jirrispondix għaliha l-appellat fi proċeduri kostituzzjonali.

15. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa l-Avukat tal-Istat li għandu jbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta

ddeċidiet li għandha tkun l-attriċi li tħallas l-ispejjeż. Peress li l-prassi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fiż-żmien rilevanti kienet li terġa' tisma x-xhieda prodotti quddiem l-ewwel Qorti għaliex ix-xhieda ma tiġix traskritta, il-Qorti tal-Appell Kriminali effettivament issir Qorti tal-ewwel grad minflok Qorti ta' reviżjoni. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-attriċi kellha tingħata l-jedd li tixhed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, irrispettivament mill-fatt li ma kinitx xehdet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk l-attriċi kienet ġustifikata li tintavola dawn il-proċeduri kostituzzjonali meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tagħha sabiex tixhed quddiemha speċjalment meta kien daqshekk inċert l-eżitu` tal-appell kriminali. Minn dan isegwi li m'għandhiex tkun l-appellata li tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda għandu jkun l-Avukat tal-Istat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-attriċi, tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-prim'istanza, jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm